MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 1242/2011

Il-Pulizija
(Sp Frans Micallef)
vs
Alexander Cardona, iben Joseph, imwieled Pieta' fl-4 ta' April, 1967, karta ta' l-identita numru 154167(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fis-26 ta' April, 2010 f'Ħal-Luqa ġiegħel animal isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u abbanduna dan l-istess animal (kelb).
Talli sar reċidiv skont sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li ġġib id-data tat-3 ta' Ottubru, 2005.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 8(2) u 45 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn u erbgħin euro (€240).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------